30 ta' Settembru 2017
75/2017

## RISPETT LEJN IL-ĦAJJA FIL-FOROM KOLLHA TAGĦHA

*POSITION PAPER* MILL-KUMMISSJONI INTERDJOĊESANA AMBJENT

*Caring for the Earth*[1] kien dokument influwenti ħafna li ppropona strateġija tanġibbli kif trawwem soċjetà sostenibbli. Din l-istrateġija hi mibnija fuq disa' prinċipji bażiċi – l-ewlieni fosthom huwa "il-kura u r-rispett lejn il-komunità tal-ħajja".

Fl-okkażjoni tax-Xahar tal-Ħolqien, il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) xtaqet taqsam mal-poplu Malti xi ħsibijiet, imnebbħa mill-Enċiklika tal-Papa Franġisku, *Laudato Si'*, dwar il-valur tal-ħajja u l-ħtieġa li nirrispettawha fil-forom kollha tagħha. F'din l-Enċiklika, il-Papa jiffoka fuq aspetti u valuri bażiċi li jiżguraw il-ġid komuni, jiġifieri l-ħarsien ta' kull min jgħix f'din id-dar komuni li Alla l-Missier għoġbu jagħtina. Dan ma jfissirx li kliem il-Papa niżel tajjeb ma' kulħadd. F'diversi partijiet tal-Enċiklika, il-Papa kixef u kkundanna prattiċi differenti li, bl-iskuża tal-progress u l-iżvilupp ekonomiku, ikomplu jkattru l-miżerja tal-parti l-kbira tal-bnedmin u l-qerda tal-ħolqien.

Qed ngħixu f'soċjetà fejn it-tgħawwiġ tal-fatti, il-logħob bis-sentimenti u r-retorika politika qed jiddominaw il-midja tradizzjonali u l-midja soċjali, bħallikieku t-tiftix għall-verità m'għadux moda. Minħabba f'hekk ninsabu mdawrin b'ħafna nofs veritajiet u saħansitra gideb, bħallikieku "ma jeżistux veritajiet indiskutibbli li jrieġu lil ħajjitna, u għalhekk il-libertà tal-bniedem hi bla qies" (*Laudato Si'*, 6).

Sfortunatament, ħafna huma dawk li jitħawdu, jinġarru minn ideat żbaljati u jaċċettaw diskorsi u ideoloġiji li jidhru tajbin, imma li fil-fatt huma tgħawwiġ tal-verità. Ħarsa madwarna u lil hinn minn xtutna turina kemm qed ngħixu f'soċjetà ta' kontradizzjonijiet, għaliex hawn min irid jgħix kif jogħġob lilu u mingħajr limiti – l-aqwa li jissodisfa l-interessi personali tiegħu li jiġu qabel kull ġid komuni.

---

[1] IUCN/UNEP/WWF (1991). *Caring for the Earth. Strategy for sustainable living*. Gland, Switzerland. Miksub minn http://coombs.anu.edu.au/~vern/caring/caring.html.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Quddiem dan il-logħob bil-kliem u l-konfużjoni ta' prijoritajiet, il-KA tixtieq twassal xi riflessjonijiet fid-dawl tat-tagħlim li toffrilna l-Enċiklika *Laudato Si'*, li jistgħu jkunu ta' għajnuna għal min qed ifittex il-verità (skomda kemm hi skomda). Probabilment se jkun hemm min iħoss li l-KA għandha tillimita ruħha biex tikkummenta biss fuq in-natura, il-fjuri, is-siġar, eċċ. u ma tindaħalx f'affarijiet oħra. Ħarsa lejn il-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Nazzjonijiet Magħquda[2] turi li l-KA miexja fuq l-mandat li jagħtu dawn il-miri.

### Il-ħajja u l-attakki fuqha

> "Meta niflu bir-reqqa l-impatt ambjentali ta' xi inizjattiva ekonomika, is-soltu nqisu l-effetti fuq il-ħamrija, l-ilma u l-arja, imma mhux dejjem indaħħlu studju mirqum tal-impatt fuq il-bijodiversità, bħallikieku t-telfa ta' xi speċi jew ta' gruppi ta' annimali jew pjanti kienet xi ħaġa li ftit tagħmlilna differenza" (*Laudato Si'*, 35).

Il-bijodiversità hija l-varjetà tal-ħajja fid-dinja: li tinkludi l-varjetà kbira ta' organiżmi, l-informazzjoni ġenetika li ssawwarhom u l-ambjenti (ekosistemi) li jsostnuhom. Il-bijodiversità hi bla dubju ta' xejn turija tal-kreattività immensa ta' Alla l-Imbierek. Ir-rispett lejn il-ħajja, għalhekk, jitlob li wieħed japprezzaha, jirrispetta d-dinjità tagħha, jagħraf kemm hi vulnerabbli u jħarisha minn kull periklu. Dan japplika għan-nisġa kollha tal-ħajja … fil-forom kollha tagħha għax:

> "Il-qalb hi waħda u l-istess miżerja li twassalna sabiex naħqru annimal ma ddumx ma tidher fir-relazzjonijiet tagħna ma' persuni oħra. Kull moħqrija ta' xi ħlejqa tmur kontra d-dinjità tal-bniedem" (*Laudato Si'*, 92).

Fi stqarrija ppubblikata fl-2007, il-KA kienet ikkundannat bla riżervi il-moħqrija u l-qtil bla bżonn tal-annimali[3]. Minkejja li sar progress kbir sabiex din il-pjaga tinqered, xorta għadek tara klieb u qtates abbandunati u esposti għal kull abbuż, tajr protett maqtul, żwiemel u bhejjem maħqura waqt tlielaq, festi u fieri. Għandna rispett veru lejn dawn il-kreaturi? Jew kollox aċċettat bl-iskuża tad-delizzji u t-tradizzjonijiet?

Min-naħa l-oħra, issib li xi wħud, li minkejja tikolhom qalbhom (u bir-raġun) meta jaraw annimali jinħaqru, ma jurux l-istess rispett lejn it-trabi fil-ġuf.

> "Ma tagħmilx sens mixja edukattiva li tgħinna nilqgħu lill-ħlejjaq l-aktar dgħajfa li għandna madwarna … u mbagħad ma tingħatax protezzjoni lill-embrijun uman, imqar jekk il-wasla tiegħu taf toħloq skumditajiet u diffikultajiet" (*Laudato Si'*, 120).

---

[2] Għal aktar tagħrif dwar il-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli ara: https://sustainabledevelopment.un.org/sdgs
[3] Kummissjoni Ambjent - Arċidjoċesi ta' Malta (2007). *Opinjoni dwar ir-Riżorsi Ambjentali.* 1 Ottubru 2007

Waqt id-dibattiti li saru dwar il-morning after pill, l-IVF u l-iffriżar tal-embrijuni, sar ħafna diskors legali bl-argument li għalkemm min hemm fil-ġuf hu uman (jiġifieri mill-ispeċi *Homo sapiens*), dan mhux persuna u għalhekk mhux kompletament uman. Din hi retorika li tipprova sserraħ il-kuxjenza u tiġġustifika ċerti interventi billi taħbi l-verità: jiġifieri li l-bniedem jibqa' bniedem bid-drittijiet kollha tiegħu, irrispettivament mid-daqs, l-istat ta' żvilupp, l-abilità fiżika u mentali u mill-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu. Ħadd ma għandu d-dritt li jilgħabha ta' Alla u jiddeċiedi min għandu jgħix u min le.

Għandu jsir kull sforz sabiex nirbħu l-infertilità, jekk xejn sabiex jittaffa l-uġigħ li jgħaddu minnu l-koppji konċernati. Mandanakollu, mhux kull avvanz fix-xjenza u t-teknoloġija hu leċitu.

> "Meta l-bniedem iqiegħed lilu nnifsu fiċ-ċentru, jispiċċa jagħti prijorità assoluta lill-interessi tiegħu tal-mument, u kollox isir relattiv. Għalhekk m'għandniex għax nistagħġbu li, flimkien mal-mudell teknokratiku preżenti kullimkien u l-kult tal-poter uman bla limiti, kollox qed isir relattiv, fejn dak li ma jaqdix l-interessi immedjati ta' min ikun, isir kollu irrilevanti" (*Laudato Si'*, 122).

Bla dubju ta' xejn dan hu diskors sensittiv ħafna, mhux biss minħabba s-sentimenti tal-koppji involuti, imma speċjalment minħabba l-futur ta' wlied oħra li jkunu tnisslu u mbagħad jitwarrbu. Fil-kuntest ta' soċjetà ġusta, wieħed irid jiżgura li jitħarsu d-drittijiet ta' kulħadd: kemm tal-koppji involuti u speċjalment tal-ulied li għadhom vulnerabbli wisq biex jiddefendu ruħhom. L-iffriżar jesponi lil dawn l-ulied għal riskji li jistgħu jwassluhom għall-mewt u jpoġġuhom f'periklu ta' manipulazzjoni.

Hemm faċċata oħra tal-munita li ftit li xejn nisimgħu dwarha:

> "Il-qawwiet ekonomiċi jissoktaw jiġġustifikaw is-sistema globali tal-lum, li tiffavorixxi l-ispekulazzjoni u t-tiftix għall-gwadann finanzjarju li ħafna drabi jinjoraw kull kuntest u l-effetti fuq id-dinjità umana u fuq l-ambjent" (*Laudato Si'*, 56).

Jekk ma noqogħdux attenti hemm il-periklu serju ħafna li interessi ekonomiċi kbar jinfiltraw fl-industrija tal-farmaċewtika u dik medika, isiru prijorità u jibdew jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu, minflok iħallu l-prinċipji u l-valuri jiddettaw il-proċeduri li jintużaw. Hemm diversi metodi aċċettabbli ta' interventi li jgħinu sabiex tinqered l-infertilità, u fl-istess ħin tkun rispettata d-dinjità umana. L-integrità tal-persuni involuti fid-deċiżjonijiet li jittieħdu f'dan il-qasam titlob li jkun żgurat li jsir investiment fir-riċerka fl-iżvilupp ta' dawn il-metodi sabiex ikunu aktar aċċessibbli billi ma jkunux piż finanzjarju kbir.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**Attakki fuq l-abitat tal-ħlejjaq**

L-abitat huwa l-ambjent fiżiku li fih jgħixu l-ħlejjaq – ambjent li minnu kull ħlejqa (inkluż il-bniedem) tikseb l-ikel, il-kenn u l-protezzjoni meħtieġa biex tiżgura l-kwalità tal-ħajja tagħha. Wieħed jassumi li għal pajjiż żgħir bħal tagħna, l-użu għaqli tal-art jingħata prijorità għolja. Madanakollu, jidher ċar li dan mhux il-każ għax l-ispazji miftuħa qegħdin dejjem jonqsu, u posthom qed jittieħed minn aktar bini (li ħafna minnu qed tibqa' vakanti) u proġetti grandjużi li huma karatteristika ta' pajjiżi ferm ikbar minn tagħna. Ma' dawn wieħed iżid itteħid illegali ta' art pubblika – abbuż li ilu magħna s-snin u bħal donnu amministrazzjoni wara l-oħra tibża' tieħu azzjoni inċisiva u serja biex din l-pjaga tinqered darba għal dejjem.

F'dawn l-aħħar snin tbiddlet il-fiżjonomija ta' pajjiżna: tnaqqru l-ispazji miftuħa u l-ambjenti naturali, u sirna qisna sit kbir ta' kostruzzjoni. Minflok naraw kif nagħmlu l-aħjar użu mill-bini li diġà għandna u l-ispazji li diġà sar żvilupp fuqhom, dejjem nippreferu t-teħid ta' art verġni biex nagħmlu żvilupp li jista' jsir f'żoni żviluppati. L-approvazzjoni ta' ċerti proġetti bħal fil-każ ta' aktar pompi tal-petrol, djar tal-anzjani, skejjel u binjiet oħra, huwa sinjal ċar li mhux dejjem ikun sar studju dwar kemm dawn il-proġetti ikun hemm tassew bżonnhom. Dan għaliex, minkejja li bil-fomm nistqarru li aħna favur l-iżvilupp sostenibbli, l-impatt ambjentali tal-proġetti proposti qatt ma jingħata l-importanza li jixraqlu. It-traġedja hi li dan kollu ħafna drabi jsir bil-barka tal-partiti politiċi l-kbar li, mingħajr l-ebda konsultazzjoni jew studji serji dwar l-impatti skont kif titlob il-liġi, jaqbdu u jwiegħdu l-approvazzjoni ta' proġetti bħallikieku l-art li qed jagħtu hi tagħhom personali u mhux wirt nazzjonali.

Il-KA tħoss li wasal iż-żmien li l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) tkun aktar proattiva fejn jidħol l-ippjanar minflok tqatta' ħinha kollu tipproċessa talbiet għall-iżvilupp. Għandu jinbeda proċess serju li jinvolvi b'mod attiv lill-Kunsilli Lokali u, f'konsultazzjoni maċ-ċittadini tal-lokalità, jiġu aġġornati il-pjani lokali li jkollhom fil-qalba tagħhom il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Mhuwiex ippjanar tajjeb li wieħed jippermetti bini għoli ġo nofs żoni urbani u l-unika ħaġa li tidher li tingħata importanza hija l-arkitettura tal-bini mingħajr ma jkun hemm kunsiderazzjoni xierqa ta' kif din l-arkitettura qed taffettwa b'mod negattiv lin-nies li jgħixu taħt id-dell ta' dan il-bini għoli.

> "Fid-dawl tar-relazzjoni li hemm bejn l-ispazji urbani u kif iġib ruħu l-bniedem, dawk li jippjanaw id-disinni ta' binjiet, kwartieri, wesgħat pubbliċi u bliet, jeħtieġu l-kontribut ta' diversi dixxiplini li jgħinu biex wieħed jifhem il-proċessi, is-simboliżmu u l-imġibiet tal-persuni. Mhux biżżejjed it-tiftix fuq il-ġmiel tal-proġett, għax hemm iżjed valur f'li wieħed jaqdi xorta oħra ta' ġmiel: il-kwalità tal-ħajja tan-nies, l-armonija tagħhom mal-ambjent, il-laqgħat bejniethom u l-għajnuna reċiproka. Għalhekk ukoll hu importanti li wieħed ifittex dejjem il-perspettiva tan-nies li jgħixu fil-post hu u jagħmel l-analiżi tal-pjanifikazzjoni urbana" (*Laudato Si'*, 150).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**It-tifsira vera tal-iżvilupp**

> "Hu iktar dinjituż li wieħed juża l-intelliġenza, b'kuraġġ u responsabbiltà, biex isib xejriet ġodda ta' żvilupp li hu sostenibbli u ekwu, fil-kwadru ta' kunċett usa' tal-kwalità tal-ħajja. Għall-kuntrarju, hu inqas dinjituż u kreattiv u iżjed superfiċjali li wieħed jinsisti fuq li joħloq xejriet ta' tħarbit tan-natura biss biex joffri possibbiltajiet ġodda ta' konsum u ta' dħul immedjat" (*Laudato Si'*, 192).

Hemm bżonn li nirriflettu ftit dwar x'nifhmu meta ngħidu "żvilupp". Żvilupp veru jmur lil hinn mill-gwadann finanzjarju, u jiżgura l-kwalità tal-ħajja u d-dinjità ta' kull persuna. Kif qal l-Arċisqof Charles J. Scicluna f'Jum l-Indipendenza:

> "Għandna nistaqsu lilna nfusna jekk il-ġid li qed jinħoloq fis-soċjetà tagħna hux qed joħloq disparità ekonomika; jekk hux qed joħloq oligarkija ta' nies li huma għonja ħafna waqt li jġib lill-ħaddiema f'sitwazzjonijiet fejn lanqas jistgħu jħallsu kull xahar il-kera għal dar deċenti fejn joqgħodu, fejn il-liġi ta' dak li hu meħtieġ u dak li jingħata (*demand and supply*) qed iġibu lil ħafna nies f'sitwazzjoniet fejn tintilef it-tama u fejn il-ġejjieni huwa mudlam."

Kull żviluppatur li jistħoqqlu verament dan l-isem – minbarra li jiżgura li jkollu l-gwadann mistħoqq – għandu jkun impenjat sabiex jitkattar il-ġid komuni. Mod tanġibbli kif dan isir hu billi jkun żgurat ix-xogħol dinjituż.

> "Għalhekk fir-realtà soċjali tad-dinja tal-lum hu essenzjali li nissoktaw nagħtu prijorità lill-aċċess għal xogħol stabbli għal kulħadd 'lil hinn mill-interessi limitati tan-negozju u raġunar ekonomiku dubjuż" (*Laudato Si'*, 127).

Quddiem din ir-riflessjoni tal-Papa dwar ix-xogħol, jistonaw ħafna l-oġġezzjonijiet li qamu f'pajjiżna mis-settur kummerċjali kontra ż-żieda tal-paga minima, il-*leave* tal-maternità, l-impjieg ta' persuni b'diżabiltà u t-tnaqqir tas-*sick leave*. L-oġġezzjonijiet għal dawn il-miżuri saru minħabba l-effett negattiv li jista' jkollhom fuq il-kompetittività, irrispettivament mit-titjib li dawn il-miżuri jħallu fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni konċernati. L-istess nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità tal-ħaddiema jidher meta, waqt xi negozjati jew bħala reazzjoni biex jirregolaw l-operat tagħhom, xi sidien jheddu li sa jissensjaw il-ħaddiema ġaladarba t-talbiet tagħhom ma jkunux aċċettati.

Minkejja li għaddew is-snin, għadha teżisti fostna l-mentalità li tkejjel il-valur tal-bniedem (tal-ħaddiem) minn kemm kapaċi jipproduċi. Għal darb'oħra l-gwadann finanzjarju jitpoġġa qabel il-kwalità tal-ħajja u d-dinjità tal-persuna. Waqt li kulħadd irid iġorr ir-responsabbiltajiet tiegħu fid-dinja tax-xogħol u jaqdi dmirijietu b'kuxjenza, kull inizjattiva li twaqqa' d-dinjità tal-persuna ma tistax tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-pajjiż – hi kemm hi ekonomikament vantaġġjuża.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Uħud ikejlu l-iżvilupp ta' pajjiżna minn kemm pajjiżna kapaċi jinbidel sabiex jsir jixbaħ pajjiżi oħrajn. Riflessjoni dwar dak li ġara fostna matul is-snin turina kif dawn it-talin jippruvaw jilħqu l-iskopijiet tagħhom:

(a) Hemm min jibda kampanja sottili fuq il-midja li matulha jirrakkuntaw xi storja tqanqal ta' persuna li "jkollha ssiefer" biex tagħmel xi intervent "għax f'Malta mhux offrut" bil-konklużjoni ovvja tkun "kemm ikun aħjar li kieku dan l-intervent jibda jsir fostna". Madanakollu, qabel ma jsir dan il-pass hu essenzjali li naraw jekk dak l-intervent hux wieħed leċitu jew le. Il-fatt li ċerti affarijiet qed isiru minn taħt hi raġuni valida għaliex għandek tillegalizzahom?

(b) Hemm min joħlom f'xi proġett monstruż u jipprova jikkonvinċi lill-klassi politika kemm dan il-proġett hu essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku ta' pajjiżna. Dan bħal meta kien intqal li l-futur tas-settur turistiku kien dipendenti minn jekk pajjiżna jkollux *golf courses* jew le. Irridu ndaħħluha f'rasna li d-daqs ta' Malta ma jippermettix li nidħlu għal ċerti proġetti li jieklu meded kbar mill-ftit art li għandna. Hi inaċċettabbli li proġetti monstrużi jingħataw il-barka sempliċiment għax "il-partiti politiċi qablu li neċessarji", mingħajr ma jkun sar l-ebda studju serju dwar l-impatt tagħhom!

(c) Hemm min jieħu okkażjoni minn xi toqba fil-liġi li tippermettilu jagħmel li jrid u meta jkun hemm attentat biex tingħalaq dik it-toqba, dak li jkun jippretendi li l-Gvern jissanzjona dak li jkun għamel - ngħidu aħna, bħal dak li qed isir fil-kwistjoni tal-*Gentlemen's Clubs*. Quddiem l-isforzi kollha li qed jagħmel pajjiżna sabiex tkun rikonoxxuta d-dinjità tal-mara f'kull qasam (speċjalment fil-politika) id-diskussjoni dwar dawn il-*clubs* qed iddur madwar jekk "l-animaturi" jistgħux ikunu għarwenin, nofshom għarwenin jew inkella lebsin waqt l-ispettaklu tagħhom! Dan minflok inkunu konsistenti mal-valuri tagħna u jkollna l-kuraġġ li ngħidu le għal stabbilimenti li jkomplu jxerrdu l-kultura li rwol tal-mara hu li tkun ġugarell f'idejn ir-raġel. Fl-istess ħin, huwa ironiku li hawn min irid jiġġustifika dawn l-istabbilimenti abbażi li dawn joħolqu attività ekonomika.

### Kwistjoni ta' prijoritajiet

It-tkattir tal-ġid komuni għandu jkun il-mira ta' kull amministrazzjoni. Imma wieħed irid joqgħod attent dwar il-mod kif jilħaq din il-mira, u jekk il-ġid iġġenerat hux qed jitqassam b'mod ekwu.

> "Il-politika m'għandhiex toqgħod għal dak li tiddettalha l-ekonomija u din lanqas għandha tħalli lilha nnfisha tkun iddettata mill-mudell effiċjentista tat-teknokrazija. Illum, bil-ġid komuni f'moħħna, inħossu l-bżonn kbir li l-politika u l-ekonomija, fi djalogu, ikunu għas-servizz tal-ħajja, speċjalment tal-ħajja umana" (*Laudato Si'*, 189).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Mhux faċli tagħmel dan li qed jgħid il-Papa, u jrid ikollok fibra morali qawwija sabiex tagħżel li żżomm mal-prinċipji u ma tinġarrx mal-kurrent li qed ikaxkar lil ħafna soċjetajiet madwar id-dinja. Kien hemm okkażjonijiet meta Malta ddistingwiet ruħha fuq livell globali fuq il-valuri li pproponiet, eżempju li qiegħ il-baħar jiġi meqjus parti mill-wirt komuni tal-umanità; li l-konservazzjoni tal-klima tkun parti mill-interess komuni tal-umanità, valuri li għal bidu kien hemm reżistenza għalihom, imma li llum saru parti mill-prinċipji tan-Nazzjonijiet Magħquda. Il-KA temmen li Malta għandha tibqa' tgħożż u tħares dawk il-valuri li minn dejjem ikkaratterizzawha. Dan minkejja li hemm xi wħud li jsostnu li jekk iżżomm sod mal-prinċipji u l-valuri tiegħek, int moħħ magħluq, u li biex tkun progressiv trid iddur ma' kull riħ.

Dawn huma kollha temi serji u kontroversjali li ma għandhomx jitħallew għal dibattitu mibni fuq sentimenti u argumenti partiġġjani, imma fuq dibattitu infurmat u nieqes minn interessi ulterjuri (speċjalment dawk finanzjarji). Il-KA tħoss li l-gvernijiet lokali, nazzjonali, reġjonali u globali għandhom ikunu t-tarka li tipproteġi lil min hu vulnerabbli: speċjalment lil dawk li minħabba l-qagħda soċjali, fiżika u psikoloġika tagħhom, ma jistgħux jiddefendu lilhom infushom. F'dinja fejn kulħadd jitkellem fuq id-drittijiet li għandu, il-prinċipju bażiku hu li ma jistax ikollok dritt jekk, biex tieħu dak id-dritt, iċċaħħad lil ħaddieħor minn xi dritt tiegħu.

"Ir-responsabbiltà propja tagħkom … hi li tħallu lil dan il-pajjiż, bis-saħħa tal-ħidma leġiżlattiva tagħkom, jikber bħala nazzjon. Intom il-wiċċ ta' dan il-poplu, ir-rappreżentanti tiegħu. Intom imsejħin biex tħarsu u tiggarantixxu d-dinjità taċ-ċittadini sħabkom billi taħdmu mingħajr heda favur dak li jitlob minnkom il-ġid komuni, li hu l-għan ta' kull politika. Soċjetà politika tisboq iż-żmien meta bħala vokazzjoni, tagħmel ħilitha kollha biex tissodisfa l-ħtiġijiet komuni billi tistimola t-tkabbir tal-membri kollha tagħha, speċjalment dawk li jinsabu f'sitwazzjoni mill-aktar dgħajfa jew f'riskju" (Diskors tal-Papa Franġisku lill-Kungress tal-Istati Uniti tal-Amerika, fl-24 ta' Settembru 2015).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**